MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Numru. 493/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**KEVIN CASSAR**

**(ID: 43270M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KEVIN CASSAR** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43270(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Kevin Cassar bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 14, fedina penali a fol 15 et seq, stqarrija a fol 19 et seq, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-ghajnuna legali a fol 22 u zewg (2) sentenzi.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Ikkunsidrat

**Patrick Cassar** xehed fit-12 ta' Gunju, 2014 kif ukoll fil-25 ta' Awwissu, 2014 fejn iddikjara li huwa kien jahdem mal-Arriva Malta Limited ghal perjodu ta' xi sena u xahrejn u dan fil-kariga ta' Finance Director mal-kumpanija. Huwa kien jiehu hsieb ix-xoghol ta' accounts u kienu jaraw ukoll li l-flus li jigu migbura mid-*drivers* jinghaddu lill-kumpanija. Ix-xhud spjega li huma jaghmlu *reconciliation* b'mod regolari biex jaraw kemm kellu jaghti kull xufier u li l-ammont ikun gie effettivament depozitat fil-kontijiet tal-kumpanija. Filfatt fil-konfront tal-imputat odjern li qed jaghraf prezenti fl-awla bhala Kevin Cassar sabu li kien hemm diskrepanza fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsa u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€3,255.97).

Ix-xhud tenna li meta xufier jidhol fuq il-*bus* huwa jaghmel il-*pin* tal-*code* tieghu fit-*ticket machine* sabiex waqt li jkun ghaddej bix-xoghol, it-*tickets* mixtrija jigu registrati fl-ammont ta' *sales*. Naturalment id-data in kwistjoni kienet tigi registrata fl-ufficju u mbaghad abbazi ta' din is-sistema waslu ghas-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsa u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€3,255.97).

Huwa qal ukoll illi bhala doveri, x-xufiera nkluz l-imputat odjern kellu jiddeposita fl-ahhar tal-gurnata l-flus ta' dak il-jum. F'kull *depot* kien hemm *deposit box* u huma jippinjaw in-numru taghhom u jitfghu l-flus hemmhekk.

Mistoqsi jekk huwa kienx tkellem mal-imputat rigward din il-kwistjoni qal li iva fil-fatt kienu baghtu ghalih l-ufficcju u l-imputat kien qabel li huwa kellu f'idejh l-ammont li huma kienu qalulu u qal li effettivament kien sahansitra anke ffirma dikjarazzjoni fejn qabel illi dan l-ammont huwa dovut u kien se jhallas lura. Jekk mhux sejjer zball wara li huwa ffirma din id-dikjarazzjoni kienu waqqfuh mill-impjieg tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-7 ta' Lulju, 2014 (fol. 38) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fit-22 ta' Lulju, 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Carmen Galea** xehdet fit-22 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjarat li llum-il gurnata hija tahdem mal-Public Transport li qabel kienet maghrufa bhala Arriva fil-kariga ta' financial assistant. Ikkonfermat li huma kienu pprezentaw kwerela lill-Pulizija rigwardanti misapproprjazzjoni li sar minn wiehed mix-xufiera taghhom li gharfet prezenti fl-awla bhala Kevin Cassar.

Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat odjern kien jahdem bhala xufier maghhom u ghamel perjodu ta' tlett (3) xhur maghhom u taf li f'dawn it-tlett (3) xhur approprja ammont ta' flus li kienu dovuti lill-Arriva. Spjegat li filghodu kull xufier imur id-*Depot* taghhom biex jassenjawlu l-*bus* li se jkun se jsuq dakinhar. Fuq kull *bus* hemm *ticket machine* u kull xufier ghandu *pin number* biex ikollu access ghal din il-magna. Ix-xufier sussegwentement idahhal il-pin tieghu f'din il-magna u dan sabiex ikun jista' jbiegh il-biljetti tal-gurnata u kif jispicca d-*duty* suppost jirritorna lura d-Depot. Spjegat li fid-Depot jkun hemm *scan machines* u suppost jitfa' l-flus kollha li jkun qala' fil-gurnata li jkun biegh skond il-pin tieghu u ghalhekk kull filghodu kull xufier jaghmel *log in* u *log out*. Skond iz-Z reading li jkollu jrid jiddepozita l-flus u huma ndunaw li effettivament Kevin Cassar ghamel tlett (3) xhur ma jiddepozitax il-flus li jaqla'.

Ghalhekk qalet li bhala kalkolu huma kkalkolaw li effettivament Kevin Cassar approprja s-somma ta' erbat elef u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€4,020.90). Ix-xhud esebiet l-audit trail relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument CSH.

**L-Ispettur Jonathan Ferris** xehed fil-25 ta' Awwissu, 2014 fejn iddikjara li l-kumpanija Arriva kienet ghamlet sensiela ta' investigazzjonijiet interni fuq xufiera li kienu qed jirrizultawlhom li ma kinux qeghdin jiddepozitaw il-*proceeds from on bus ticket sales*. Fost dawn ix-xhieda kien hemm certu wiehed Kevin Cassar li kien impjegat mal-kumpanija ghall-ammont ta' xhur pero' milli jirrizulta dan qatt ma kien iddepozita l-flus li kien jircievi mill-bejgh tal-biljetti.

Ix-xhud specifika illi mill-investigazzjoni kondotta, il-kumpanija Arriva kienet taghti *pin number* personali lil kull xufier illi dan kif jitla' fix-xarabank biex jibda l-gurnata kien idahhal dan il-*pin number* u jitlaq bir-rotta. Sussegwentement kull biljett li hu jkun inqata' u flus li jkunu dahlu minn tali biljetti f'dak it-tragitt li x-xufier ikun ghamel bil-*pin number* tieghu jidhlu specifikament taht ismu. Kull xufier kien obbligat ukoll illi fl-ahhar tal-gurnata meta’ jaghmel *log out* johrog bhal Z reading u mbaghad imur id-Depots tac-Cirkewwa, Marsa jew Floriana skond f'liema *area* jkun u jiddepozita dawn il-flus. Fil-kaz tas-Sur Kevin Cassar jirrizulta anke mill-*audit trade* illi dan qatt ma kien iddepozita l-flus li kien dahhal ghan-nom tal-kumpanija waqt it-tragitti tieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sebgha (7) ta’ Novembru 2014.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ rega’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha (7) ta’ Novembru 2014.

Rat illi fl-istess seduta l-imputat talab li jsir Pre-Sentencing Report u l-Qorti laqghat it-talba u nnominat lil Probation Officer Charisse Boffa ghal dan il-ghan.

**Probation Officer Charisse Boffa** xehdet fil-5 ta’ Frar, 2015 fejn iddikjarat li hija kienet giet nominata minn din il-Qorti sabiex thejji Pre-Sentencing

Report dwar l-imputat odjern. Hija stqarret li kienet tinsab f'pozizzjoni li tesebixxi r-relazzjoni taghha liema relazzjoni giet esebita u giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CB. Hija ghaddiet kopja tal-istess kemm lill-Prosekuzzjoni kif ukoll lill-imputat presenti fl-awla.

Rat il-Pre-Sentencing Report tal-Probation Officer Charisse Boffa fejn tat is-segwenti rakkomandazzjonijiet:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret f'dan ir-rapport jirrizulta li permezz ta' sentenzi alternattivi ghal piena ta' prigunerija, Kevin Cassar inghata opportunitajiet sabiex jirriabilita ruhu. Madankollu jidher li dawn ma servewx ta' deterrent ghall-imputat, dan kif evidenti mill-Fedina Penali tal-imsemmi u mil-akkuzi odjerni, li fost l-ohrajn jinkludu r-recediva. Jirrizulta li Kevin Cassar m'ghandux mezzi sabiex jaghti lura l-flus li gew mehuda mill-kumpanija tal-Arriva. F'dan il-kaz l-akkuzat ammetta ghall-akkuzi li qed jigu migjuba kontrih u jsostni li ghamel dan minhabba l-problema tad-droga li huwa ghandu.*

*Ghaldaqstant, qieghed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Kevin Cassar jinghata sentenza karcerarja fit-terminu li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti. Permezz ta' din is-sentenza huwa mahsub li l-akkuzat ikollu deterrent qawwi bizzejjed sabiex ma jergax iwettaq reat iehor, filwaqt li juza z-zmien tieghu fil-habs sabiex jattendi programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga u ghalhekk ikun ippreparat sabiex ikun iktar bniedem pro-attiv fis-socjeta'."*

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u b’mod partikolari l-avukat difensur tal-imputat jghid li r-rapport tal-probation officer fih kontradizzjoni u dan ghaliex filwaqt li l-probation officer tirrikonoxxi l-fatt li allegatament l-imputat irid jaghmel tajjeb ghad-danni li soffriet is-socjeta’ kwerelanti xorta rrakkomandat li l-imputat ghandu jinghata piena ta’ prigunerija effettiva. Fil-fatt id-difiza tghid li l-imputat huwa lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat li sofriet is-socjeta’ kwerelanti.

Id-difiza sostniet ukoll li din il-Qorti ghandha tkun klementi mal-imputat u dan in vista tal-ammissjoni registrata minnu kif ukoll minhabba l-fatt li huwa *drug abuser* u ghalhekk ghandha tghinu jindirizza din il-problema ta’ dipendenza li huwa ghandu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita’ sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga’ jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss pero’ li persuna li llum ghandha hamsa u erbghin (45) sena u kondotta reflettarja tant li diga nstab hati ta’ reati simili ta’ misapproprijazzjoni u pussess ta’ droga fost diversi akkuzi ohra

mhix persuna li qed tipprova tghin ruha molto piu meta tqis li l-imputat tressaq il-Qorti fil-2 ta' Mejju 2013 akkuzat b'reati li saru f'Jannar 2012 u fix-xhur ta' qabel proprju ftit xhur wara li kien instab hati ta' reat simili u cioe' misapproprijazzjoni u nghata sentenza ta' prigunerija sospiza u in oltre fis-sena 2014 l-imputat kien rega' nstab hati tar-reat bhal dan in desamina u cioe' moghti Probation Order u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha taghti cans 'il ghaliex ma temminx li l-isforz tieghu biex jeghleb l-*addiction* tieghu huwa wiehed genwin.

Id-difiza sostniet ukoll li din il-Qorti ghandha tkun klementi wkoll u taghti piena fil-minimu ghaliex l-imputat irregistra ammissjoni pero' l-Qorti tirrileva li kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idejalment tinghata fid-dawl ta' l-antecedenti penali tal-hati; meta, imbaghad, l-akkuzi jigi ammessi fi stadju tard tal-proceduri u cioe' fi stadju tad-difiza kwazi kwazi meta' l-imputat ma kellux triq ohra allura jkun hemm kwazi obbligu fuq il-qorti li tifli sew il-fedina penali tal-hati qabel ma tiddisponi mill-kawza.

Ammissjoni bikrija *"mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena*", u jiddependi hafna mic-cirkostanzi tal-kaz u minn kemm kienet bikrija l-ammissjoni. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef</u>** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz in dezamina jidher bic-car li l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u lanqas ma ghamel sforz sabiex jikkumpensa s-socjeta' kwerelanti ghad-danni li sofriet minkejja li llum qed jghid li lest li jhallas id-danni. Il-Qorti ma thossx li l-imputat huwa genwin f'dak li jghid molto piu meta tqis li huwa disokkupat kif stqarr fl-ezami li sarlu nhar l-4 ta' Gunju 2014 (fol. 32) u ghalhekk zgur li mhux f'posizzjoni lanqas li jhallas id-danni.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 310(1)(a), 532A u 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat qed issibu hati tal-akkuza**

**ta’ misapproprjazzjoni aggravata kif kontemplata fl-Artikolu 294 u tikkundannah sentejn u nofs prigunerija effettivi u mhux hati tar-reat ta’ frodi u tilliberah minnha.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi man-nomina ta’ esperti, il-Qorti tirrileva li ma kien hemm l-ebda espert nominat f’din il-kawza u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ talba simili.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------